**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 7 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 149/2020 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**JC**

**Vs**

**RU**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' **JC**, datat 3 ta' Ġunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti iżżewwġet lill-intimat nhar il-21 ta' April 1990, skont kif jidher mill-Att taż-Żwieġ relattiv illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieġ twieldu erbat' itfal, L, D, R u Ali llum il-ġurnata huma kollha maġġorenni ta' V , X, Y u Z– il sena rispettivament;*

*Illi z-zwieġ bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabilment, u dan minħabba raġunijiet rikonoxxuti mill-liġi, u effettivament huma ilhom separati legalment mill-4 ta' Lulju 2014, skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebit u immarkat bħala Dok B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwiżit tal-Artikolu 66 B(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi llum il-ġurnata l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u għalhekk ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk*

*huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-Artikolu 66 B (b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-ebda manteniment ma huwa dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjoni reċiproka dwar manteniment;*

*Illi għalhekk isegwi illi f'dan il-każ huma sodisfatti l-kriterji kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett ili dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet nhar il-21 ta' April 1990 ai termini tal-Artikolu 66 (D) (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-*Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja ta' ħall taż-żwieġ ossia d-*divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66 A (4) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi wara li l-Qorti fehemet lill-intimat id-drittijiet legali tieghu, l-istess intimat irrisponda li ma jehtiegx avukat u ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju (vide verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2020, fol 10);

Rat illi fl-istess imsemmija seduta tal-15 ta' Lulju 2020 (fol 10) l-attriċi obbligat ruħha illi tħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
**Ikkonsidrat;**

**RU** xehed bil-ġurament (fol 12) illi huwa u martu iżewwġu fil-21 ta' April 1990 u li minn dan iż-żwieġ twieldu erbat itfal, illum kollha maġorenni. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u il-partijiet

iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-4 ta' Lulju 2014 u minn dak in-nhar tas-separazzjoni 'l hawn ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Xehed illi lanqas ma hemm tama ta' din ir-rikonċiljazzjoni. Finalment xehed illi manteniment dejjem tħallas u ma hemmx arretrati tal-istess.

**JC** xehdet bil-ġurament (fol 14) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed zewġha.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

***66B.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' April 1990 (dok A, fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Portelli, datat 4 ta' Lulju 2014 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ikunu a karigu tal-attriċi.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**